a) l-Istat Membru rikjest huwa wkoll parti fil-proċedura li tirrigwarda r-reintegrazzjoni, fl-assi tal-falliment, ta' ammonti mħallsa wara rkupru, jew li

b) l-intervent tal-Istat Membru rikjest huwa limitat għat-twettiq tal-irkupru infurzat tad-dejn u għad-dikjarazzjoni tad-dejn fil-kuntest tal-proċedura ta' likwidazzjoni, u huwa l-Istat Membru applikant li huwa l-konvenut fil-kuntest ta' proċedura ta' reintegrazzjoni ta' beni fl-assi tal-falliment li tirrigwarda l-estent tal-beni koperti mil-likwidazzjoni?

2) Id-Direttiva għandha tiġi interpretata fis-sens li d-djun ta' Stat Membru ieħor għandhom, skont talba għall-irkupru, jiġu rkuprati permezz tal-użu tal-istess mezzi, iżda b'mod li l-ammonti hekk irkuprati jibqgħu sseparati u distinti mill-beni tal-Istat Membru rikjest, jew għandha tiġi interpretata fis-sens li dawn l-ammonti għandhom jiġu rkuprati b'mod parallel mad-djun tal-Istat Membru rikjest, b'mod li dawn jitħalltu mal-beni tal-Istat Membru rikjest? Fi kliem ieħor: id-Direttiva hija intiża biss sabiex tipprojbixxi t-trattament inqas favorevoli ta' djun ta' Stat Membru ieħor?

3) Huwa possibbli li tilwima dwar ir-reintegrazzjoni ta' beni fl-assi tal-falliment titqies li hija tilwima dwar il-miżuri ta' infurzar fis-sens tal-Artikolu 14(2), u jista' wieħed jiddeduċi minn dan li, skont id-Direttiva, l-Istat Membru rikjest huwa wkoll konvenut f'tali tilwima?

(1) Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE tas-16 ta' Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra (ĠU 2010, L 84, p. 1).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nejvyšší správní soud (ir-Repubblika Ċeka) fil-15 ta' Diċembru 2017 – D. H. vs Ministerstvo vnitra

**(Kawża C-704/17)**

(2018/C 083/18)

*Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek*

### Qorti tar-rinviju

Nejvyšší správní soud

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* D. H.

*Konvenut:* Ministerstvo vnitra

### Domandi preliminari

L-interpretazzjoni tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2013/33/EU [1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill flimkien mal-Artikoli 6 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippremettix lin-Nejvyšší správní soud (Qorti Amministrattiva Suprema) tistħarreġ deċiżjoni ġudizzjarja li tikkonċerna d-detenzjoni ta' ċittadin barrani wara li dan iċ-ċittadin barrani jkun ġie meħlus mid-detenzjoni?

(1) ĠU L 180, p. 96.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Svea hovrätt (l-Isvezja) fil-15 ta' Diċembru 2017 — Patent-och registreringsverket vs Mats Hansson

**(Kawża C-705/17)**

(2018/C 083/19)

*Lingwa tal-kawża: l-Isvediż*

### Qorti tar-rinviju

Svea hovrätt